



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 26.7.2011
SEG(2011) 959 finali

DOKUMENT TA' ĦIDMA MILL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-ISTIMA TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 94/25/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri marbuta mad-dgħajjes ta' rikreazzjoni, kif emendata bid-Direttiva 2003/44/KE

{KUMM(2011) 456 finali}
{SEG(2011) 958 finali}

1. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

Id-Direttiva 94/25/KE dwar id-Dgħajjes li jintużaw għar-Rikreazzjoni (DDR) tirregola t-tqegħid fis-suq tal-UE ta' dgħajjes intiżi għal finijiet ta' sport jew ta' rikreazzjoni. Hija tistabbilixxi rekwiżiti essenzjali ta' sikurezza. Id-Direttiva 2003/44/KE emendata introduċiet rekwiżiti speċifiċi dwar l-emissjonijiet ta' egżost mill-magni tal-baħar ta' rikreazzjoni, b'mod partikolari l-idrokarburi (HC), l-ossidi tan-nitroġenu (NOx) u l-materja f'partikolati (MP) u l-emissjonijiet tal-ħoss mid-dgħajjes,

Minkejja li l-kontribut tad-dgħajjes ta' rikreazzjoni għat-tniġġis ġenerali fl-UE huwa żgħir meta mqabbel ma' għejjun ta' tniġġis oħra, jista' jinħass ħafna fl-eqqel ta' ċertu żminijiet (is-sajf) għal ċerti żoni (b'mod partikolari ibħra magħluqa u xi xtut il-baħar). B'mod speċjali, il-konċentrazzjoni ta' NOx tista' taqbeż il-livelli ta' kwalità ambjentali (LKA) f'dawn iż-żoni.

Il-maġġoranza kbira ta' produttori tad-DR huma attivi fis-suq tal-UE u s-suq tal-Istati Uniti u żewġ terzi tal-bejgħ dinji tal-magni tal-baħar ta' rikreazzjoni jseħħu fiż-żewġt iswieq. Il-leġislazzjoni tal-Istati Uniti dwar l-emissjonijiet hija aktar stretta mir-regoli attwali tal-UE. Xi Stati Membri tal-UE għamlu sforzi biex inaqqsu l-emissjonijiet mid-dgħajjes tar-rikreazzjoni billi rrikorrew għal miżuri lokali (nazzjonali) għal-limiti tal-veloċità jew il-projbizzjoni tad-dgħajjes f'żoni speċifiċi. Sabiex l-ambjent jitħares aħjar, is-suq globali għad-DR ikun żgurat u biex ma jkunx hemm soluzzjonijiet nazzjonali individwali li jwasslu għall-frammentazzjoni tas-Suq Intern, jeħtieġ li ssir stima dwar jekk l-emissjoni tal-egżost u ħsejjes għandhiex tissaħħaħ fil-livell tal-UE. Fl-istess waqt għandha titqies il-qagħda vulnerabbli tal-IŻM billi s-settur tad-dgħajjes tar-rikreazzjoni jikkonsisti l-aktar minn intrapriżi ta' daqs żgħir u medju (aktar minn 95 % tal-istabbilimenti huma IŻM).

2. ANALIŻI TAS-SUSSIDJARJETÀ

Il-proposta tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà, billi d-Direttiva diġà tarmonizza t-tqegħid fis-suq għad-DR u l-Istati Membri ma jistgħux jieħdu azzjoni individwalment fir-rigward tar-rekwiżiti ta' sikurezza u rekwiżiti biex jiġu limitati emissjonijiet ta' egżost u ħsejjes.

3. OĖETTIVI

L-oġettiv ġenerali ta' din l-inizjattiva huwa li l-prestazzjoni ambjentali tad-dgħajjes tar-rikreazzjoni tkompli titjeb biex b'hekk jitħarsu aħjar l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem, filwaqt li fl-istess ħin jiġu żgurati kundizzjonijiet ta' regolamentazzjoni ugwali mas-sħab kummerċjali ewlenin tal-UE u tħaddim mingħajr intoppi tas-suq intern għad-DR.

| ĠENERALI | SPEĊIFIKU | OPERATTIV |
|--|--|---|
| Il-ħarsien tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem | Titjeb tal-prestazzjoni ambjentali tad-dgħajjes tar-rikreazzjoni | Eżami mill-ġdid tal-limiti tal-emissjoni tal-egżost Eżami mill-ġdid tal-limiti |

| | | |
|---|--|---|
| | | għall-emissjonijiet tal-ħsejjes |
| | | Eżami mill-ġdid tal-karatteristiċi tad-dgħajjes tar-rikreazzjoni |
| Titjeb tat-ħaddim tas-suq intern | Ma titħalliex il-frammentazzjoni tas-suq intern minħabba rekwiżiti nazzjonali differenti fir-rigward tal-karatteristiċi tad-dgħajjes tar-rikreazzjoni | Eżami mill-ġdid tal-limiti tal-emissjoni tal-egżost. |
| | Jitħarsu l-intrapriżi vulnerabbli (b'mod partikolari l-IŻM) mit-tiħżin tal-qagħda tagħhom fis-suq u t-telf ta' postijiet tax-xogħol minħabba konformità mal-leġiżlazzjoni l-ġdida. | Id-dħul ta' miżuri ta' taffija għall-operaturi tas-suq l-aktar vulnerabbli tad-dgħajjes tar-rikreazzjoni fl-Ewropa (IŻM). |
| | L-industrija tad-dgħajjes tar-rikreazzjoni kif ukoll iċ-ċittadini fl-UE jkollhom iċ-ċertezza legali. | L-allinjament tad-DDR mal-QLN |
| Tinġieb 'il quddiem l-approssimazzjoni tal-limiti tal-emissjonijiet fid-dinja kollha. | Jitnaqqsu l-ispejjeż addizzjonali ta' konformità mis-sistemi differenti ta' regolamentazzjoni | Eżami mill-ġdid tal-limiti tal-emissjoni tal-egżost. |

4. GĦAŻLIET TA' POLITIKA

Ittieħed kont ta' medda wiesgħa ta' għażliet biex jinkisbu l-oġġettivi msemmija hawn fuq. Xi għażliet bħall-awtoregolamentazzjoni għall-emissjonijiet ta' egżost (kodiċi volontarju tal-industrija) jew l-interruzzjoni tal-azzjoni attwali tal-UE bit-tneħħija tal-limiti tal-emissjonijiet ta' egżost u ħsejjes mid-Direttiva u r-rekwiżit ta' ttikkettar biss ġew skartati fi stadju bikri

peress li ovvjament mhumiex xierqa biex tinstab soluzzjoni għall-problemi identifikati. L-għażliet li ġejjin inżammu biex jiġu analizzati aħjar.

A. Limiti ta' emissjonijiet ta' egżost għall-magni

Għażla 1 – L-ebda bidla

Jibqgħu hemm il-limiti attwali ta' emissjoni ta' egżost tad-Direttiva.

Għażla 2 – Limiti ta' emissjoni ta' egżost aktar stretti (Stadju II)

Tqieset il-possibbiltà li jiġi introdott stadju II ieħor ta' limiti ta' emissjoni ta' egżost. Ġew analizzati ħames xenarji possibbli. Ix-xenarju 1 jissejjes fuq l-armonizzazzjoni tal-limiti tal-Istadju I għall-magni kollha tal-petrol u jallinja l-limiti għall-magni diesel (CI) mar-regoli attwali tad-Direttiva 97/68/KE (MMMT) dwar il-Makkinarju Mobbli Mhux tat-Triq. Ix-xenarji 2-4 jirrigwardaw allinjament tal-limiti tal-magni SI mal-istandards tal-Istati Uniti u l-limiti tal-magni CI mal-leġislazzjoni MMT tal-UE b'livelli differenti ta' strettezza. Ix-xenarju 5 jarmonizza l-limiti mal-Istati Uniti għall-magni SI u CI. Bħala l-aktar xenarju xieraq, ix-xenarju 5 ntagħżel għal evalwazzjoni aktar fil-fond u dan sar l-Għażla 2 fl-analiżi tal-impatt.

Għażla 3 – Limiti ta' emissjoni ta' egżost iktar stretti (Stadu II) flimkien ma' miżuri ta' taffija għall-industrija.

Din l-għażla tissejjes fuq l-Għażla 2 iżda terġa tinqasam fi tliet (3) Sotto-għażliet li fihom miżuri ta' taffija biex jitnaqqsu l-effetti negattivi ekonomiċi u soċjali ta' limiti ta' emissjonijiet oġhla.

Sottogħażla 3.1 – Użu ta' skema ta' flessibbiltà

L-introduzzjoni ta' skema ta' flessibbiltà kif stabbilit fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 97/68/KE tista' tkun għażla għat-taffija tal-effetti ta' regoli aktar stretti dwar l-emissjonijiet. Dan lill-produtturi tal-magni jippermettilhom iqegħdu fuq is-suq għadd limitat fiss ta' magni tal-baħar għar-rikreazzjoni konformi mal-istadju ta' qabel ta' emissjonijiet, anki wara d-dħul fis-seħħ ta' valuri ġodda ta' limiti ta' emissjoni.

Sottogħażla 3.2 – Użu ta' perjodu tranżitorju għall-produtturi kollha tal-magni (3 snin)

Din l-għażla taħseb minn qabel biex tippovdi perjodu tranżitorju ta' tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva sabiex l-industrija tkun tista' tadatta l-magna għat-teknoloġiji l-ġodda. Il-perjodu jkun jibda mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva u dan ifisser li madwar sentejn jibqgħu jaħbtu mal-perjodu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva biex jibqa' sena għall-adattamenti.

Sottogħażla 3.3 – Użu ta' perjodu tranżitorju għall-produtturi kollha tal-magni + perjodu tranżizzjonali speċifiku għall-produtturi ta' magni żgħar u ta' daqs medju li jqiegħdu fis-suq tal-UE l-magni outboard SI ≤ 15 kW (3+3 snin)

Din l-għażla tgħaqqad flimkien perjodu tranżizzjonali bħala miżura ġenerali ta' taffija għall-produtturi tal-magni ma' miżura speċifika indirizzata lejn l-IŻM billi dawn ġie ppruvat (bit-test tal-IŻM) li huma l-iktar vulnerabbli f'termini ta' spejjeż ta' konformità.

B. Limiti ta' emissjonijiet ta' ħoss għall-magni.

Għażla 1 – L-ebda bidla

Jibqgħu hemm il-limiti attwali ta' emissjoni ta' ħoss tad-Direttiva.

Għażla 2 – Limiti ta' emissjoni ta' ħoss aktar stretti

Il-limiti ta' emissjoni ta' ħoss tal-UE attwali li jirregolaw il-ħoss magħmul mid-dgħajjes ta' rikreazzjoni jsiru aktar stretti.

C. Allinjament tad-DDR mal-Qafas Leġislattiv Ġdid

Bħala konsegwenza tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u tad-Deċizzjoni 768/2008/KE, id-Direttiva dwar id-Dgħajjes li jintużaw għar-Rikreazzjoni trid tkun bi qbil mal-prinċipji tal-Qafas Leġislattiv Ġdid. Dan ifisser bażikament l-inklużjoni tal-obbligi tal-operaturi ekonomiċi, il-kompetenzi tal-entitajiet ta' evalwazzjoni tal-konformità u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, moduli ġodda ta' evalwazzjoni tal-konformità u l-istatus tal-għoti tal-marka CE.

5. ANALIŻI TAL-IMPATTI

A. Impatt ta' limiti ta' emissjonijiet ta' gassijiet aktar stretti

Għażla 1 – L-ebda bidla fil-limiti

Hemm żewġ raġunijiet ta' tħassib marbuta mal-impatti ta' din l-għażla: Tħassib ambjentali u ieħor kummerċjali. L-ewwel nett, il-konċentrazzjonijiet tal-NOx jistgħu jaqbżu l-istandards ta' kwalità ambjentali fuq xtut il-baħar għal medda ta' żmien qasir. It-tieni, jekk il-limiti attwali jibqgħu applikabbli, il-produtturi tal-magni jistgħu jitħajru jinstallaw aktar magni li jniġġsu konformi mal-Istadju I milli magni aktar nodfa iżda li jqumu aktar flus konformi mal-istandards tal-Istati Uniti. It-tielet, din l-għażla fiha r-riskju ta' frammentazzjoni tas-Suq Intern minħabba l-adozzjoni li x'aktarx sseħħ ta' regolamenti reġjonali differenti għal-limiti tal-veloċità eċċ.

Għażla 2 – Stadju II tal-limiti ta' emissjonijiet ta' gassijiet

Ir-restrizzjoni tal-livelli ta' emissjoni ta' egżost biex il-limiti għall-magni tal-baħar ta' rikreazzjoni tal-UE u tal-Istati Uniti jkunu allinjati ġġib titjib ambjentali iżda wkoll spejjeż għoljin ta' konformità għall-produtturi tal-magni.

Stima tal-ħsara evitata / sena bi tqabbil mal-Għażla 1

| | Iffrankar ta' ħsara medja annwali (miljuni ta' EUR) / tunnellata ta' emissjonijiet (NOx) | Iffrankar ta' ħsara medja annwali (miljuni ta' EUR) / tunnellata ta' emissjonijiet (MP) |
|----------------------|--|---|
| Għażla 2 – Stadju II | EUR 9,5 miljuni – EUR 45,5 miljun | EUR 3,2 miljuni |

Stima tal-ispejjeż totali ta' konformità / sena

| | Magni CI | Magni SI |
|----------------------|-----------------------------------|------------------------------------|
| Għażla 2 – Stadju II | EUR 5,7 miljun – EUR 19-il miljun | EUR 5,1 miljuni – EUR 10,6 miljuni |

Għażla 3 – Stadju II tal-limiti ta' emissjonijiet ta' gassijiet flimkien ma' bosta tipi ta' miżuri ta' taffija għall-produtturi tal-magni

Il-konformità ma' livelli ta' emissjonijiet aktar stretti se tkun tfixxer spejjeż addizzjonali. Għaldaqstant ġew iwwalutati miżuri għall-mitigazzjoni tal-ispejjeż ekonomiċi u soċjali.

Sottogħażla 3.1 – Użu tal-iskema ta' flessibilità

L-użu tal-iskema ta' flessibilità ma ntlax. Din hija maħsuba għal sitwazzjoni speċjali fejn produttur ta' tagħmir oriġinali jeħtieġ żmien minn quddiem addizzjonali biex jaġġusta d-disinn tal-makkinarju minħabba l-iżvilupp ta' magni ġodda iżda mhux għall-produttur tal-magni nnifsu.

Sottogħażla 3.2 – Użu ta' perjodu ta' tranżizzjoni għall-produtturi kollha tal-magni

L-għan ta' din l-għażla li jingħata perjodu tranżizzjonali ta' tliet snin lill-produtturi tirrifletti l-flessibilitajiet mogħtija fl-Istati Uniti kif ukoll iż-żmien meta l-limiti ta' emissjoni tal-egżost isiru applikabbli bis-sħiħ fl-Istati Uniti. Il-produtturi tal-maġġoranza tal-produtturi tal-magni għandha tkun konformi diġà ma' dawn il-limiti.

Valur ta' ħsara skansata / sena bi tqabbil mal-Għażla 1

| | Iffrankar medju annwali ta' ħsara (miljuni ta' EUR) / tunnellata ta' emissjonijiet (NOx) | Iffrankar medju annwali ta' ħsara (miljuni ta' EUR) / tunnellata ta' emissjonijiet (MP) |
|---|--|---|
| Sottogħażla 3.2 – Stadju II + Perjodu ta' tranżizzjoni addizzjonali | EUR 7,1 miljuni ta' – EUR 34.2 miljun | EUR 2,4 miljuni – EUR 10,6 miljuni |

Stima tal-ispejjeż totali ta' konformità / sena

| | Magni CI | Magni SI |
|--|------------------------------|----------------------|
| Sottogħażla 3.2 – Stadju II + Perjodu ta’ tranżizzjoni addizzjonali | EUR 2 miljun – EUR 8 miljuni | EUR 1,8 miljun – EUR |

L-użu ta’ perjodu ta’ tranżizzjoni jippermetti lill-kumpaniji jtaffu l-impatti ekonomiċi negattivi tal-limiti tal-istadju II u fl-istess waqt mhux ta’ piż ftermini ta’ amministrazzjoni Madankollu, sar test għall-IŻM billi jista’ ma jkunx kompletament adattat għall-ħtiġijiet speċjali tal-IŻM.

It-test għall-IŻM żvela li l-konformità mal-limiti ta’ emissjoni ġodda tfisser spejjeż addizzjonali minħabba l-konformità u spejjeż ta’ amministrazzjoni. L-IŻM ma għandhomx il-likwidità u l-aċċess għall-finanzi bħal ma għandhom il-kumpaniji aktar kbar biex jiffinanzjaw dawn l-investimenti. Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati żvelaw li l-produtturi IŻM tal-magni SI li jipproduċu magni ta’ qawwa baxxa se jkollhom diffikultajiet serji biex jikkonformaw mal-limiti tal-Istadju II. Il-magni outboard SI ta’ qawwa baxxa (jiġifieri $P_N \leq 15$ kW) huma milquta billi jinħtieġ investiment qawwi biex tiżviluppa magna bħal din li tkun konformi mal-limiti ta’ emissjoni aktar stretti. Minħabba l-qligħ aktar baxx tal-magni ta’ qawwa baxxa, iż-żmien biex tiffidhom huwa itwal minn dak tal-kategoriji ta’ magni ta’ qawwa għolja.

Sottogħażla 3.3 - Użu ta’ perjodu ta’ tranżizzjoni għall-produtturi kollha tal-magni + perjodu ta’ tranżizzjoni speċifiku għall-produtturi tal-magni ta’ impriżi żgħar u medji li jqiegħdu fis-suq tal-UE l-magni outboard SI ≤ 15 kW (3+3 snin).

L-impatt ambjentali ta’ din il-miżura ta’ taffija huwa mifmum li jilħaq madwar 6,16-il tunnellata/sena ta’ emissjonijiet HC+NO_x aktar, bi tqabbil mas-Sottogħażla 3.2. Dan ifisser 0,015 % tat-total annwali ta’ emissjonijiet HC+NO_x. Din iċ-ċifra ma tagħmilx xi differenza kbira fl-emissjonijiet totali annwali tad-dgħajjes ta’ rikreazzjoni. Il-perjodu addizzjonali ta’ tranżizzjoni ta’ tliet (3) snin ma jgħiegħelx lill-produtturi tal-magni SI ta’ daqs żgħir u medju jwaqqfu din il-produzzjoni. Is-sehem tas-suq dinji tal-produtturi żgħar u medji tal-magni SI huwa madwar 0,5 %. Għaldaqstant il-miżura addizzjonali ta’ taffija għal dawn il-produtturi għandha effett marġinali fuq is-suq.

Paragun tal-għażliet

| | Medja ta’ tibdil annwali ta’ emissjoni ta’ HC+NO _x (%) | Medja ta’ tibdil annwali ta’ emissjoni ta’ MP (%) | Medja ta’ tibdil annwali ta’ emissjoni ta’ CO (%) |
|--|---|---|---|
| Għażla 2 – Stadju II tal-limiti | -26,51 % | -45,08 % | 20,56 % |
| Sotto-għażla 3.1 – Stadju II + Skema ta’ flessibilità | -23,96 % | -28,20 % | 17,99 % |
| Sotto-għażla 3.2 – Stadju II + Perjodu addizzjonali tranżitorju | -19,88 % | -33,81 % | 15,42 % |

| | | | |
|--|----------|----------|---------|
| Sotto-għażla 3.3 – Stadju II + Perjodu addizzjonali tranżitorju + Żmien speċifiku għall-IŻM li jipproduċu magni SI | -19,78 % | -33,81 % | 15,36 % |
|--|----------|----------|---------|

Benefiċċju ekonomiku nett (iffrankar/analiżi tal-kostijiet)

| | Benefiċċju Nett (EU) |
|---|----------------------|
| Għażla 2 – Stadju II tal-limiti | EUR 1,9 M - EUR 34 |
| Sotto-għażla 3.1 – Stadju II + Skema ta' flessibbiltà | EUR 4,8 M - EUR 34 |
| Sotto-għażla 3.2 – Stadju II + Perjodu addizzjonali tranżitorju | EUR 5,7 M - EUR 34 |
| Sotto-għażla 3.3 – Stadju II + Perjodu addizzjonali tranżitorju + Deroga speċifika għall-IŻM li jipproduċu magni SI | EUR 5,7 M - EUR 34 |

Paragun tal-impatt soċjali mkejjet f'unitajiet / sena

| | Telf totali ta' impjegi għall-magni CI | Telf totali ta' impjegi |
|---|--|-------------------------|
| Għażla 2 – Stadju II tal-limiti | inqas minn 100 | inqas mi |
| Sotto-għażla 3.1 – Stadju II + Skema ta' flessibbiltà | inqas minn 10 | inqas mi |
| Sotto-għażla 3.2 – Stadju II + Perjodu addizzjonali tranżitorju | x'akattrix li ma jintilfux l-impjegi | inqas mi |
| Sotto-għażla 3.3 – Stadju II + Perjodu addizzjonali tranżitorju + Deroga speċifika għall-IŻM li jipproduċu magni SI | x'akattrix li ma jintilfux l-impjegi | x'akattrix li ma jin |

Bażikament l-għażliet kollha jilhqg l-għanijiet ġenerali billi qabel kollox iwasslu għat-tnaqqis tal-elementi ta' tniġġis tal-arja fl-ambjent u t-tieni jipprovdu qafas leġislativ komuni għall-produtturi tal-magni li joperaw fis-suq tal-UE u t-tielet jiżguraw l-allinjament tar-rekwiżiti dwar l-emissjoni mill-magni mal-Istati Uniti. Iżda, l-Għażla 2 ma tilħaqx biżżejjed l-għan speċifiku li jitħarsu l-intrapriżi żgħar u vulnerabbli mit-tiżzin tal-qagħda tagħhom fis-suq. Is-sottogħażla 3.3 dan tikkunsidrah.

Is-sottogħażla 3.3 hija l-iktar kompromess effiċjenti għall-IŻM f'termini ta' effetti ambjentali u telf ekonomiku u soċjali. Għaldaqstant hija l-aħjar għażla.

B. Impatt tal-limiti ta' emissjonijiet tal-ħoss għall-magni

Għażla 1: Impatt ta' ebda bidla ta' politika

Li jibqgħu hemm il-limiti attwali ta' emissjoni tal-ħoss ikun ta' garanzija għaż-żamma tas-suq intern minħabba l-armonizzazzjoni tal-limiti tal-ħoss, iżda fl-istess waqt iġib iffrankar ta' spejjeż ta' konformità għall-kumpaniji li ma jkollhomx għalfejn jinvestu f'teknoloġiji ġodda biex jiksbu l-limiti ta' emissjoni meħtieġa. Permezz ta' dan jista' jkun hemm benefiċċji ambjentali akbar bis-saħħa ta' miżuri nazzjonali maqtugħin apposta u maħsuba speċifikament għaż-żoni li fihom jintużaw id-dgħajjes f'kull pajjiż.

L-Istati Membri jista' jkollhom spazju fejn joħolqu miżuri speċifiċi li jippermettulhom jillimitaw b'mod effettiv il-ħsejjes, billi l-ħsejjes iġġenerati mid-dgħajjes ta' rikreazzjoni ma jiġux biss mill-ħoss tal-magni.

Għażla 2: A. Impatt ta' limiti ta' emissjonijiet ta' gassijiet aktar stretti

Il-ħsejjes ta' dgħajsa ma jiġux kompletament mill-emissjonijiet ta' ħoss tad-dgħajsa iżda huma riżultat ta' kombinazzjoni ta' fatturi (l-użu/il-veloċità tad-dgħajsa, il-ħoss tal-magna, il-ħoss tal-karina, kriterji soġġettivi marbuta maż-żona, ma' min ikun qed jisma eċċ.). L-importanza ta' dawn il-fatturi tvarja għal kull dgħajsa partikolari. Billi d-Direttiva tista' taġixxi biss fuq l-emissjoni tal-ħoss mid-dgħajjes imkejla taħt kondizzjonijiet sterili, hija tista' tbiddel sors limitat tal-ħsejjes totali li jinstemgħu mill-utent/passanti. Ir-restrizzjoni ta' fattur wieħed biss (bħall-emissjoni tal-ħoss mill-magni) ma ġġibx it-tnaqqis mistenni tal-ħsejjes ġenerali filwaqt li timponi spejjeż kbar ta' konformità fuq il-produtturi.

Tnaqqis ta' ħsejjes ġenerali li jista' jinkiseb mit-tnaqqis tal-ħoss mill-magni

| Tip ta' magna | Tnaqqis tal-ħoss tal-magna (f' dB) | Tnaqqis totali tal-ħoss tad-dgħajsa miksub (f' dB) |
|-----------------------------|------------------------------------|--|
| Outboard $P_N > 40$ kW | -6 / -8 | -3 |
| Outboard $10 < P_N < 40$ kW | -4 / -5 | -3 |
| Outboard $P_N < 10$ kW | -4 / -5 | -3 |
| PWC $P_N > 40$ kW | -4 -3 | -3 -2 / -1 |

C. Impatt tal-miżuri li jallinjaw id-Direttiva dwar id-Dgħajjes li jintużaw għar-Rikreazzjoni mal-Qafas Leġislativ Ġdid (QLĠ)

L-impatt għandu jkun fil-biċċa l-kbira pożittiv billi d-dispożizzjonijiet orizzontali jiċċaraw ċerti kwistjonijiet li bħalissa huma soġġetti għall-inċertezza. Iċ-ċertezza legali tkun ta' benefiċċju għall-partijiet kollha: l-operaturi ekonomiċi, l-amministrazzjoni nazzjonali u dik tal-UE kif ukoll il-konsumaturi. Ċerti obbligi ġodda stabbiliti għall-operaturi ekonomiċi jista' jkollhom impatt ekonomiku f'termini ta' spejjeż żejda għall-operaturi ekonomiċi.

6. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

L-għodda ewlenija hija s-sorveljanza tas-suq mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni jkollha rendikont tal-problemi li jirrigwardaw l-applikazzjoni xierqa tad-Direttiva dwar id-Dgħajjes tar-Rikreazzjoni permezz ta':

- Ir-rapporti regolari li l-Istati Membri jridu jibagħtu lill-Kummissjoni,
- Il-laqgħat fi gruppi tal-ADCO,
- Is-sistemi ta' skambju ta' tagħrif stipulati bl-Artikolu 23 tal-qafas tar-Regolament 765/2008/KE,
- Il-grupp ta' entitajiet notifikati li jikkoordinaw l-applikazzjoni komuni tar-regoli tal-evalwazzjoni tal-konformità.